

ATTI OĦRAJN

IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Tweġiba għall-ilment CHAP(2013) 3076

(2013/C 343/10)

1. Il-Kummissjoni Ewropea rċeviet, u qed tkompli tirċievi, serje ta' ilmenti dwar il-benessri u l-ġestjoni ta' klieb abbandunati fir-Rumanija, li rreġistrat bir-referenza CHAP(2013) 3076 (ara l-konferma ta' riċevuta fil-ĠU C 314, 29.10.2013, p. 9)
2. Sabiex tweġeb malajr u tinforma dawk kollha kkonċernati, filwaqt li tagħmel użu tajjeb tar-riżorsi amministrattivi, il-Kummissjoni qed tippubblika din it-tweġiba fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fuq l-internet f:

http://ec.europa.eu/eu_law/complaints/receipt/index_en.htm
3. Il-benessri u l-ġestjoni ta' gruppi ta' animali abbandunati mhuwiex ġestit minn regoli tal-UE u huwa r-responsabbiltà unika tal-Istati Membri. B'mod partikolari l-Artikolu 13 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li jirrikjedi konsiderazzjoni sħiħa tal-ħtiġijiet tal-benessri tal-annimali fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' xi politiki tal-UE, ma jipprovdi bażi legali li tippermetti li jiġu indirizzati kwistjonijiet ta' benessere tal-annimali.
4. Il-Kummissjoni tappoġġja x-xogħol tal-Organizzazzjoni Dinjija għas-Saħħa tal-Annimali (OIE) dwar linji gwida għall-kontroll tan-numri ta' klieb abbandunati, b'enfasi fuq l-irwol importanti tal-aġenziji lokali tal-gvern għall-infurzar ta' leġislazzjoni relatata mas-sjeda tal-klieb u li tidentifika l-korpi responsabbli għall-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' taħriġ xieraq għar-regolamentazzjoni tal-kattura, it-trasport, u ż-żamma, kif ukoll ta' kriterji minimi ta' kwalità ta' akkomodazzjoni u ta' kura tal-klieb. Il-linji gwida jenfassizzaw il-ħtieġa għal approċċi paralleli fil-kontroll tan-numri ta' klieb abbandunati u jitolbu li l-qtil isir b'mod uman fejn meħtieġ, li waħdu mhux strateġija sostenibbli. Kull Stat Membru, bħala membru tal-OIE, jikkunsidra liema hu l-iktar mod xieraq kif jintużaw dawn il-linji gwida fil-kuntest nazzjonali tagħhom. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġja x-xogħol tal-Pjattaforma Reġjonali OIE dwar il-Benessri tal-Annimali għall-Ewropa, li tassisti l-Pajjiżi Membri fil-Lvant tal-Ewropa, inkluża r-Rumanija, biex tikseb konformità ma' dawn l-istandards.
5. Strateġiji sistematiki u komuni ta' informazzjoni u edukazzjoni fuq il-benessri tal-klieb huma appoġġjati mill-Kummissjoni li qed tikkoopera ma' oħrajn biex tiżviluppa s-sit tal-"CARODOG" (<http://www.carodog.eu>), pjattaforma informattiva dwar il-ġestjoni tan-numru ta' klieb li twassal għal sjeda responsabbli ta' annimali bħala prinċipju bażiku għall-promozzjoni tal-benessri ta' annimali ta' kumpanija fl-UE.
6. Ir-regoli tal-UE dwar il-ħarsien tal-annimali fil-mument tal-qtil (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1099/2009) għandhom x'jaqsmu direttament mal-qtil ta' annimali f'biċċeriji u dawk li jinżammu għal skopijiet ta' trobbija. Annimali maqtula skont ċirkostanzi oħrajn mhumiex koperti minn dan ir-regolament.
7. Il-Kummissjoni se tkompli ssegwi x-xogħol imsemmi hawn fuq, li qed tingħata ċerta importanza minnha, imma se tagħlaq l-ilmenti minħabba li dawn jaqgħu lil hinn mill-kamp ta' applikazzjoni tal-liġi tal-UE.